MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 122/2013

**Dawn Wiltshire (pass Ingliz nru GBR 205697138)**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi**

**(bhala responsabbli mit-Trasferimenti ta' Residenza u Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur)**

It-Tribunal,

**Ra r-rikors**ipprezentat mir-rikorrenti **Dawn Wilthsire** datat 13 ta' Gunju 2013 fejn ippremettiet is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti hija ta' nazzjonalita' Ingliza u propjetarja tal-vettura tal-marka Audi A4, bin-numru ta' registrazzjoni X6 DTN;*

*Illi f'Settembru tas-sena 2012, ir-rikorrenti waslet Malta mill-Ingilterra bil-vettura taghha bil-hsieb li tigi tabita ghal tul ta' zmien gewwa Malta u peress li hi kienet giet bil-vettura taghha mill-ewwel indagat x'ghandu jsir sabiex tkun tista' zzomm din il-vettura gewwa Malta filwaqt li thallas registrazzjoni u assigurazzjoni Malta;*

*Illi peress li hija inghatat inghatat verzjonijiet differenti u ferm kunfliggenti dwar dak li ghandha taghmel, fl-4 ta' Ottubru 2012 kitbet email lil Transport Malta dwar il-kaz taghha fejn spjegat fil-qosor il-kaz taghha u cioe li hija kienet waslet Malta 5 gimghat qabel, li kienet giet bil-vettura taghha u li xtaqet tirresjedi gewwa Malta ghal perijodu ta' madwar sentejn.*

*Illi apparti dan hija specifikatament talbet x'ghandu jsir biex ikollha numri tal-pjanci Maltin kif ukoll l-ispejjez involuti;*

*Illi r-risposta tal-ufficjal inkarigat waslet ftit granet wara fid-9 ta' Ottubru 2012 fejn gie spjegat lilha x'ghandu jsir fid-dettal (kopja ta' dawn l-emails qed jigu annessi ma dan ir-rikors u mmarkati DW 1);*

*Illi effettivament recentment ir-rikorrenti ressqet applikazzjoni taht l-artiklu 19 tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta u l-AL 6 tal-2012, liema applikazzjoni giet michuda fit-22 ta' Mejju u dan peress li skond il-Bord tali applikazzjoni kellha ssir fi zmien tletin gurnata mid-data li l-vettura tasal Malta (kopja annessa u mmarkata DW2);*

*Illi r-rikorrenti hassitha ferm aggravata b'din id-decizjoni peress li hija hadet hsieb li tinforma ruhha fir-rigward tal-vettura mill-ewwel mal-wasla taghha f'Malta u fl-email li hija kienet irceviet f'Ottubru 2012 mkien ma jissemma il-perijodu ta' tletin gurnata applikabbli ghal kaz taghha u ghalhekk hija thoss li giet svijata kompletament bil-kontenut ta' din l-email flok bil-maqlub;*

*Illi r-rikorrenti ssostni li hi tikkwalifika ghal din l-esenzjoni propju ghaliex hija tissodisfa d-disposizzjonijiet kollha tal-artiklu 4 fl-Avviz Legali 6 tal-2012 u r-regola 4(3)(e) li giet applikata mill-intimat ma ghandiex issa tintuza biex din l-esenzjoni ma tinghatax meta l-istess dipartiment qatt ma gibed l-attenzjoni tar-rikorrenti dwarha;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed tressaq dan ir-rikors odjern quddiem dan it-Tribunal u titlob illi:*

1. *Jigi dikjarat li d-decizjoni mehuda mill-intimat hija zbaljata;*
2. *In vista tas-suespost, tigi mhassra u revokata in toto din id-decizjoni;*
3. *Jigi dikjarat illi l-vettura in kwistjoni u cioe l-Audi A4, bin-numru ta' registrazzjoni X6 DTN tigi esentata mit-taxxa ta' registrazzjoni u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Ligi fir-rigward."*

**Ra r-risposta tal-Ministru tal-Finanzi** datata 23 ta' Lulju 2013 fejn eccepixxa s-segwenti:-

*" (1) Illi ai termini tar-Regolament 4(3) tal-LN 6 tas-sena 2012, sabiex ir-rikorrenti setghet tikkwalifika ghal ezenzjoni mill-hlas ta' registrazzjoni tal-vettura taghha, hi kellha tissottometti l-applikazzjoni taghha fil-perijodu ta' tletin gurnata minn meta l-imsemmija vettura dahlet f'Malta;*

(1) *Illi jirrizulta mill-applikazzjoni ssottomessa mir-rikorrenti, u cioe mid-dokument tal-biljett tal-Virtu Ferries, li filwaqt li l-vettura tal-marka Audi A4 bin-numru ta' registrazzjoni X6 DTN dahlet f'Malta fit-28 t'Awissu 2012, fil-fatt id-data indikata mir-rikorrenti fuq l-istess applikazzjoni ghal ezenzjoni mill-hlas ta' registrazzjoni tal-imsemmija vettura hija 29 ta' Jannar 2013;*

(2) *Illi minkejja li r-rikorrenti kellha d-dritt temporanju bhala turista ghall-perijodu ta' massimu ta' 7 xhur sabiex l-imsemmija vettura tista tigi uzata f'Malta, mill-applikazzjoni taghha jirrizulta li hi iddikjarat li fit-28 t'Awissu 2012 hi hadet ir-residenza permanenti f'Malta;*

(3) *Illi ghalhekk, l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet michuda stante li hija ma issodisfatx il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament;*

(4) *Illi mhux minnu li r-rikorrenti inghatat verzjonijiet konkliggenti kif qed tallega. Fil-fatt, fl-e-mail datata 12 ta' Gunju 2013 annessa mir-rikorrenti stess mar-Rikors in risposta, l-ufficjal inkarigata Joanne Galea mit-Transport Malta annettiet mar-*

*risposta taghha, il-formola li kienet maghrufa bhala VEH 07 fejn kien hemm referenza cara ghall-Kap 368."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti moghtija fis-7 ta' Novembru 2013 u x-xhieda ta' Herald Bonnici moghtija fis-26 ta' Frar, 2014;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ipprezentati mill-partijiet;

Ra illi r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qieghdha titlob li t-Tribunal jirrevedi d-decizjoni notifikata lilha b'ittra datata 22 ta' Mejju 2013 permezz ta' liema giet michuda t-talba taghha ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta[1].

Illi fil-11 ta' Frar 2013 ir-Rikorrenti avvanzat talba sabiex tigi ezentata mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Audi A4 bin-Numru ta' Registrazzjoni X6DTN a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta izda, b'ittra datata 22 ta' Mejju 2013, giet infurmata li t-talba taghha giet michuda stante li l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ma saritx fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura waslet hawn Malta.

Wara din id-decizjoni r-Rikorrenti pprezentat l-appell odjern peress li rrilevat li hija informat ruhha b'kull mezz possibbli pero hadd ma semmielha l-perjodu ta' tletin gurnata applikabbli ghall-kaz taghha u ghalhekk thoss li giet svijata kompletament u nghatat verzjonijiet kunfliggenti.

[1] Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur

Illi d-difiza tal-Ministru intimat ddur mal-fatt illi r-rikorrenti m'applikatx ghall-ezenzjoni in kwistjoni entro t-tletin gurnata minn meta l-vettura dahlet f'Malta u kwindi ma kinitx tissodisfa l-kriterji msemmija fil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Il-Ministru intimat jikkontendi wkoll li r-rikorrenti ma nghatat l-ebda informazzjoni kunfliggenti u li fuq l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa (VEH07) kien hemm referenza cara ghall-Kapitolu 368.

Illi l-ezenzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni ta' vetturi hija regolata principalment mill-Kapitolu 368 u mil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi f'artikolu 19 (3) (f) tal-Kap 368 insibu illi:

*"Il-vetturi bil-mutur li gejjin ghandhom, meta jigu registrati mal-Awtorita`, ikunu ezentati mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni:*

*Vettura bil-mutur M1 jew cickletta li tkun proprjeta` personali ta' individwu privat u li tkun qieghda tingieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qieghed jitrasferixxi r-residenza normali tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta, izda l-ezenzjoni tinghata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika ghal ezenzjoni bhal dik. L-imsemmija ezenzjoni tinghata taht dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet maghmula mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi."*

Illi mbaghad fir-Regolament 4 (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, kif applikabbli fiz-zmien in ezami u cioe kif regolat b'Avviz Legali 6 tal-2012, kien jghid is-segwenti:-

*"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a) hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f'Malta;*

*(b) hija tkun ġiet akkwistata taħt il-kondizzjonijiet ġenerali tat-tassazzjoni li jkunu fis-seħħ fis-suq domestiku tal-Istat li minnu tkun qiegħda tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta, u ma tkunx soġġetta għall-fatt li tkun ser tiġi esportata għal xi eżenzjoni minn jew rifużjoni ta' dazju tas-sisa, taxxa ta' valur miżjud jew xi taxxa oħra ta'konsum;*

*(ċ) il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-eżenzjoni trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għal perjodu kontinwu ta' għallinqas erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta;*

*(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data; u*

*(e) jekk il-vettura tkun diġà waslet f'Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qiegħda tittrasferixxi r-residenza tagħha fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."*

Illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-ghamla ta' vettura mertu tar-rikors in kwistjoni hija vettura bil-mutur tat-tip M1 u cioe *"vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'sedili mhux iżjed minn tmien persuni minbarra s-sedil tad-driver".*[2]. Illi mill-provi jirrizulta wkoll is-segwenti[3]:-

1. Illi r-rikorrenti waslet Malta fit-28 ta' Awissu 2012;
2. Illi hija hadet ir-residenza taghha f'Malta fit-28 ta' Awissu 2012;
3. Illi l-vettura waslet f'Malta fit-28 ta' Awissu 2012.

Illi ghalhekk, ladarba l-vettura waslet hawn Malta mar-rikorrenti, skatta t-terminu ta' tletin gurnata entro liema r-rikorrenti kienet obbligata tapplika ghall-ezenzjoni ai termini tar-Regolament 4 (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi madankollu, dan it-Tribunal ma jistghax jiddikjara li kien skada dan it-terminu u jieqaf hemm, u dan ghaliex f'dan il-kaz, ir-retroxena ghas-sottomissjoni tal-applikazzjoni da parti tar-rikorrenti hija bil-wisq importanti.

---

[2] Artikolu 2, Kap. 368
[3] Fol. 29 et seq. tal-process

Illi minn harsa lejn il-**formula VEH 07**,[4] liema formula hija l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni tat-taxxa tal-vetturi migjuba Malta minn persuni li stabilixxew ir-residenza taghhom hawn Malta, jirrizulta li hemm indikati ghadd ta' pre-rekwiziti fosthom:-

***"A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later then twelve months following that date."***

Dan huwa l-uniku terminu, fiz-zmien meta r-rikorrenti issottomettiet l-applikazzjoni taghha, li kien jitnizzel fl-imsemmija formula fir-rigward ta' meta ghandha tigi sottomessa l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Madankollu, kif gia inghad iktar 'il fuq, kien hemm terminu iehor, li ghal xi raguni li jafuha biss l-Awtoritajiet koncernati, ma kienx qieghed jigi msemmi u dan kien proprju it-terminu, **bil-wisq iqsar,** ta' **tletin gurnata** minn meta tasal il-vettura hawn Malta.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-amministrazzjoni pubblika f'dan il-kaz naqset bil-kbir. Tant hu hekk, illi fil-format sussegwenti, l-istess perjodu ta' tletin gurnata mhux talli beda jigi mnizzel, imma talli beda jigi indikat **b'tipi grassi**. It-Tribunal ihoss ghalhekk illi anke l-istess amministrazzjoni pubblika indunat bl-izball li kienet ghamlet bin-nuqqas ta' indikazzjoni lill-applikanti bit-terminu ta' tletin gurnata. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-amministrazzjoni pubblika ghandha tkun hemm biex tghin lic-cittadin jikseb l-informazzjoni korretta sabiex ikun f'posizzjoni li jezercita d-drittijiet tieghu skond il-ligi. F'dan il-kaz, sfortunatament, ma sarx hekk. U dan ghaliex wara nuqqas lampanti da parti tal-amministrazzjoni pubblika, ir-rikorrent li osservat dak kollu li kien hemm miktub fil-formula, giet xorta penalizzata bir-rifjut tal-ezenzjoni.

Illi t-Tribunal japprezza l-argumenti mressqa fit-trattazzjoni orali da parti tad-difensur tal-Ministru intimat u huwa wkoll konsapevoli tal-massima illi l-injoranza tal-ligi mhix skuza. Huwa konxju wkoll illi fil-formula VEH 07 gie indikat ukoll il-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero, fl-opinjoni tat-Tribunal, dan ma kienx bizzejjed ghaliex jekk wiehed imur fil-Kapitolu 368 xorta mhux se jsib il-kundizzjonijiet kollha rikjesti biex jibbenefika mill-ezenzjoni in kwisjtoni, fosthom it-terminu ta' tletin gurnata entro liema l-

[4] A fol. 29 tal-process

applikazzjoni ghall-ezenzjoni kellha tigi pprezentata. Tant dan in-nuqqas gie rikonoxxut mill-awtoritajiet koncernati li fil-formula vigenti, hemm *link* li proprju tiehdok fil-Legislazzjoni sussidjarja 368.01 fejn hemm elenkati wiehed wiehed il-kundizzjonijiet li jridu jigu sodisfatti.[5]

Illi, pero, iktar minn hekk, ir-rikorrenti ghandha ragun tghid li hassitha svijata bl-informazzjoni ricevuta da parti tal-awtoritajiet. In fatti, fl-*email* esebita minnha bhala Dok DW1 mar-rikors promutur l-informazzjoni li rceviet minghand l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, qabel issottomettiet l-applikazzjoni taghha, kienet illi *"...if a vehicle has been registered in your name for at least twenty four months or over, you are entitled to apply for an exemption from registration tax by filling in the attached VEH07,* ***all the information and requirements are listed on the guidelines and VEH07 form****"*[6]

Illi iktar minn hekk, meta r-rikorrenti baghtet l-imsemmija e-mail fl-4 ta' Ottubru 2012, **l-ufficjal tal-Awtorita` li rrispondietha bl-ebda mod ma gibditilha l-attenzjoni li t-terminu ta' tletin gurnata kien skada, u dan meta r-rikorrenti kienet indikat b'mod car fl-email taghha li kienet ilha hawn Malta hames gimghat bil-vettura u li kienet diga staqsiet dwar din il-kwistjoni u rceviet informazzjoni kunfliggenti.** Anzi, mhux talli ma attirawliex l-attenzjoni ghal tali terminu, imma talli tawha l-informazzjoni kif ghandha tapplika ghal tali ezenzjoni!

Illi ghalhekk, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, l-awtoritajiet koncernati ma wettqux id-dover taghhom ta' amministrazzjoni tajba fil-konfront tar-rikorrent bil-konsegwenza li l-applikazzjoni taghha giet rifjutata.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Ministru intimat, jilqa' l-Appell interpost mir-

---

[5] Ghalkemm tali *link* hija indikata bhala *Legal Notice 440 of 2013*, fil-fatt tiehdok fil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 li giet emendata bl-Avviz Legali 440 tal-2013

[6] Enfasi tat-Tribunal

Rikorrent mid-decizjoni tal-istess Ministru datata 22 ta’ Mejju 2013 u jirrevoka l-imsemmija decizjoni, u jidderigi lill-Ministru intimat biex jikkoncedi lir-Rikorrent l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta’ registrazzjoni fuq il-vettura ta’ l-ghamla Audi A4 bin-Numru ta’ Registrazzjoni X6DTN.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-Ministru intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------